MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru. 60/2014

Il-Pulizija

Spettur Bernard Charles Spiteri

vs

Nigel Dingli, li ghandu numru tal-karta tal-identita' 151394(M), ta' 20 sena, iben Innocent u Natalina nee' Psalia, imwieled Pieta, nhar il-22 ta' Frar 1994 u residenti numru 26, Flat 7, Triq il-Harrigiet, Mqabba.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli:

Nhar l-17 ta' Gunju 2014, gewwa dawn il-gzejjer u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D., fil-11 ta' Frar 2013 u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Nigel Dingli u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' 3,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**U aktar talli nhar il-15 t'April 2014 ghall-habta ta' 2.30 ta' filghodu waqt li kien fi triq tac-Cawla, Rabat Ghawdex** bil-hsieb li taghmel delitt, u cioe` li volontarjament ihassar jew igharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni LAE 491, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit l-ammont tal-hsara kagunata kienet tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda li ma' kienetx tkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan ghad-dannu ta' Marlon Spiteri ai termini ta' l-artikoli 41 u 335 (b) tal-Kap 9.

u **aktar talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi** ghamel atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku ai termini ta' l-arti. 338 (bb) tal-Kap 9.

**U aktar talli** fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser zewg ordnijiet tal-Qorti ta' Probation li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin, b'sentenzi moghtija nhar il-21 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u nhar id-29 ta' Lulju 2013 minn Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi l-imputat ammetta mill-ewwel sar-raba' akkuza izda ma ammettiex il-hames akkuza.

Rat illi l-ufficcjali prosekutur kif ukoll id-difiza ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi dwar il-hames akkuza.

Il-Qorti;

Dwar il-hames akkuza, stante illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi sufficjenti dwar iz-zewg ordnijiet tal-Qorti ta' Probation msemmija fl-istess akkusa, fuq nuqqas ta' provi, tillberah

Dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 579, 41, 325 (b) u 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nnutat ukoll illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi dwar il-valur tal-hsara fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni LAE 491 li ssir referenza ghaliha fit-tielet akkuza u dan il-fattur ghandu jmur a favur tal-imputat, qeghda taqta' u tiddeciedi l-kaz billi ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija.

In vista tal-piena moghtija l-Qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €3,000 garanzija personali moghtija mill-akkuzat fl-ghoti tal-helsien mill-arrest fil-11 ta' Frar 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------